# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 904/2015 SM**

**Fl-Atti ta' l-Ittra Ufficjali**
**Numru 1222/2012 fl-ismijiet:**

**Pater Finance Co. Ltd.**
**(C-22643)**

**vs.**

**Mark Nurton**
**(K.I. 311867 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat it-28 ta' Settembru, 2015, kif mahluf mir-rapprezentant ta' l-istess, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet ipprezentat ittra ufficjali b' kambjali taht l-artiklu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet premessi u datata z-17 t'April, 2012;

1.2. Illi l-intimat jirrizulta li kien debitament notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali fl-20 t'April, 2012;

1.3. Illi l-intimat ghad ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' hmistax -il elf tmien mija u sebgha u tletin Ewro u sebgha u disghin centezmu, (€15,837.97), lilha dovut minn somma akbar kif indikat fl-istess ittra ufficjali riferita;

1.4. Illi ghadha ghaddejja bi proceduri ohra biex tezegwixxi l-imsemmija ittra ufficjali, (ara foll 1);

1.5. Illi *stante* li ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta setghet tezegwixxi l-ittra ufficjali in dizamina qed tippersegwixxi din il-procedura *ai termini* ta' l-artiklu 258(c) tal-Kap 12 fuq indikat biex tirkupra l-imsemmi ammont indikat fil-paragrafu immedjatament ta' qabel dan, oltre l-imghaxijiet u spejjez konsegwenzjali;

1.6. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tawtorizza u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga` jigi rez ezekuttiv biex is-socjeta` rikorrenti tkun f'posizzjoni tezegwixxi l-istess titolu bil-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimat debitur, flimkien ma kull att iehor pertinenti *stante* li l-ammont dovut ghadu ma thallasx kollu, u dan, skont il-modalitajiet li din il-qorti jidhrilha xieraq u opportuni;

2. Tirrileva li l-intimat gie debitament notifikat kemm bir-rikors guramentat u bl-avviz ghas-smiegh, (ara foll 6 u 9), u baqa` fi stat ta' kontumacja;

3.0. Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jikkonferma bil-gurament mill-gdid l-ilment ta' l-istess fil-konfront ta' l-intimat u precizament:

3.1. Illi s-somma ta' €15,837.97 kif fuq dedotta, ghada dovuta lis-socjeta` rikorrenti mill-intimat;

3.2. Illi *di piu`*, l-istess intimat ghandu jaghti lill-istess socjeta` rikorrenti l-ammont t'erbghat elef, sitt mija u sitta u erbghin Ewro (€4,646.00), spejjez minnha inkorsi in persekuzzjoni tal-kreditu minnha hekk rikjamat mill-intimat;

4. Illi l-qorti hi sodisfatta li l-istess socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi;

5. Tirrileva li ghalkemm l-istess intimat inghata l-opportunita` *ai termini* ta' l-artiklu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex jattakka l-procedimenti maghmula fil-konfront tieghu, dan xorta baqa` inadempjenti;

**DECIDE:**

6.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tilqa` it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

6.1. Tawtorizza u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga jigi rez ezegwibbli;

6.2. Illi b'hekk is-socjeta` rikorrenti tigi impoggija f'posizzjoni li tkun tista tezegwixxi l-istess titolu, inkluzi il-mandati ezekuttivi apportuni kontra l-intimat debitur, flimkien ma kull att iehor lilha pertinenti, u dan, *stante* li l-ammont komplessiv dovut ta' ghoxrin elf, erba` mija u tlieta u tmenin Ewro u sebgha u disghin centezmu, (€20,483.97);

6.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat Mark Nurton.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**